MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-4 ta' April, 2014

Talba Numru. 956/2011

**Farrugia Paul u Farrugia John**

**ID. 107467M u ID. 499868M**

**ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta' Farrugia Lightning and Interiors'**

**Vs**

**Tabone Joseph u mart Iris Tabone Jacono**

**ID. 10261M u ID. 733256m**

**It-Tribunal,**

Ra l-avvizz fl-ismijiet przenti pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2011 fejn l-attur talab is-somma ta' elfejn erba' mija hamsa u erbghin ewro erbgha u tmenin centezmu (€2,445.84) u qal illi s-somma mitluba tirrapprezenta l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija li giet ordnata u konsenjata lill-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, kif ukoll l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu

166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 3045/11, kif ukoll l-imghax kummercjali li ddekorra mid-29 ta' Lulju, 2008 li hija d-data li fiha gie konkluz il-bejgh, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Is-somma mitluba tirriguarda biss is'sales order' bin-numru 9708 u hija minghajr prejudizzju ghal kwalunkwe bilanc iehor li huwa dovut lill-atturi mill-konvenuti.

Il-konvenut wara li gie debitament notifikat pprezenta risposta fit-12 ta' Jananr, 2012 fejn ecepixxa illi:

1. Preliminarjament, illi l-atturi jridu jippruvaw l-interess guridiku stante li l-eccipjenti qatt ma ghamlu negozju maghhom;
2. Subordinatament u minghajr prejudizzju ghall-premess, illi t-talbiet huma preskriti fit-termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili (Kap. 16);
3. Subordinatament u minghajr prejudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt anke ghaliex il-linef qatt ma gew installati;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

In vista tal-eccezzjonijiet preliminari dwar l-interess guridu u dwar il-preskrizzjoni, it-Tribunal semgha x-xhieda u l-provi dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet;

F'dan il-kaz l-attur qed jitlob hlas ta' linef illi biegh fl-2008. il-konvenut min-naha tieghu eccepixxa illi l-atturi ma ghandhomx interess guridiku u dan peress illi l-eccipjenti qatt ma ghamlu negozju maghhom.

Ecepixxa ukoll il-preskrizzjoni pero' minbarra l-preskrizzjoni ecepixxa illi l-linef li xtara baqghu ma twahhlux.

It-Tribunal f'din ic-cirkostanza ma jarax kif il-konvenut jista jghid illi ma xtarax minghand l-atturi kif ukoll jghid illi l-perjodu biex ihallas ghadda bil-

preskrizzjoni u fl-istess waqt jghid illi l-linef ma twahhlux. Dawn huma tlett eccezzjonijiet kontrdittorji ghal xulxin ghaliex ma tistax tghid ghadda z-zmien tal-hlas meta x-xoghol mhux komplut bit-twahhil. Se mai l-preskrizzjoni tibda tiddekorri wara t-twahhil. Lanqas it-Tribunal ma jista' jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-interess guridiku peress illi l-vat numru tal- hanut minn fejn inxtraw il-linef jinsab fuq l-atturi.

Ghal dawn il-mottivi u ragunijiet it-Tribunal jichad l-eccezjoni tal-interess guridiku u tal-preskrizjoni u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------